Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol
Nru 1684/JB
fl-ismijiet Jonathan Ferris u GMC Freight Services Limited
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta.

llum 13 ta` Lulju tas-sena 2007.

Decizjoni nru 1793

Chairman: Avukat Dr Joseph P Bonnici.

Jesponi bir-rispett.

Introduzzjoni

Illi b`ittra datata 4 ta' Awissu tas-sena 2002, l-appellant kien kiteb lill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tat-tkeccija tieghu minn mas-societa intimata skond l-artiklu 28 (2) tal-Kap 266, illum il-Kapitlu 452 lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu.

Dina r-referenza saret lill dan it-Tribunal b`ittra datata 6 t`Awissu tas-sena 2002.

Fatti

Illi bid-dikjarazzjoni prezentata fil-25 t`Ottubru tas-sena 2002, l-appellant allega illi huwa kien jahdem bhala accountant mas-societa intimata. Xogholu dejjem ghamlu. Kellu okkazjoni fejn kien wegga' sia barra mil-lant tax-xoghol u sia fuq il-post tax-xoghol. Id-direttur tal-kumpanija, in vista li kienet qed taghmel telf sostanzjali, waslet ghal konkluzjoni illi l-istess appellant naqas fid-doveri tieghu versu l-istess societa intimata billi ma kienx qed jghamel xogholu jew kien qed jaghmlu hazin, jew kellu certu mankanzi, u ghalhekk itterminatlu l-impjieg tieghu.

Da parti taghha, is-societa appellata pprezentat ir-risposta datata 30 ta` Ottubru tas-sena 2002. Ippuntwalizzat illi l-appellant kien accounts clerk u r-raguni principali ghat-terminazzjoni ta` l-impjieg kienu nuqqasijiet tieghu fl-accounts u nuqqasijiet ta` dixxiplina ta` l-istess intimat kif ukoll kien abbuza mil-hinijiet u s-sick leave.

Provi

L-appellant xehed minn jheddu. Ipproduca affidavit ta` Anton Ferris (missieru) u ipprokura ix-xhieda ta` Hamish Dampster u Leonard Cole li kienu jahdmu mieghu mas-societa intimata. Da parti taghha l-kumpanija produciet l-affidavits tad-Diretturi Sylvio Buttigieg u Charles Bugeja u ix-xhieda tal-Financial Controller Darren Zerafa.

Konsiderazzjonijiet

Illi fil-kamp civili, huwa l-oneru ta` min jallega li jrid jipprova il-kaz tieghu u mhux dak li jinnega. Fil-kamp industrijali kif gie ripettutament soffermat, huwa l-oneru ta` min jallega li t-terminazzjoni ta` l-impjieg saret ghar-raguni valida u/jew gusta peress illi in-negattiv ma jistax jigi approvat allura jigi approvat il-pozittiv. Una volta illi s-societa intimata kienet il-principal ta` l-appellant u l-impjieg gie minnha terminat, allura dan l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-istess societa intimata.

Illi donnu gie espost u jaghti x`jifhem mis-societa intimata illi l-inkwiet finanzjarju li kellha l-kumpanija kien tort in toto u unikament ta` l-appellant. Qisu donnu il-kumpanija kienet tiddependi fuqu biss u haddiehor kien qed jaghmel xogholu kif suppost. Ma kien hemm l-ebda mankanzi.

Id-diretturi ma kienux jattendu ghad-day to day administration. Kienu aktar interessati x`ser jibqalhom in ultima analizi mill-investiment taghhom u x`qed jirrikavaw minnhu. Biex suppost isiru aktar efficjenti, inbidlet is-sistema tal-kompjuterizazzjoni software u dahlet is-sistema Shireburu. Gie mdahhal ukoll Financial Controller gdid Darren Zerafa biex jikkontrolla ix-xoghol ukoll. Pero is-societa intimata fil-kors tal-proceduri fil-provi taghha waqfet hemm.

Ma gie prodott da parti taghha l-ebda dokument konness ma` l-istess xoghol tal-kumpanija u specifiku ghal xoghol ta` l-appellanti biex dan juri n-nuqqasijiet tieghu. Hemm il-kelma biss jew bil-miktub jew viva voce ta` dawn it-tlett (3) xhieda prodotti mis-societa intimata. Ma giet prodott hadd jew xejn biex l-allegazzjonijiet taghhom jigu sostanzjati u verifikati mit-Tribunal. Hemm il-kelma taghhom biss u xejn izjed. Din hija mankanza in vista illi ix-xoghol illi qed jigi lamentat kien wiehed ta` dokumentazzjoni u huwa kompjuterizzat, kopji taghhom ikun hemm u allura din il-prova setghet facilment issir.

Da parti tieghu l-appellant jallega illi xogholu kien jaghmlu u kien hemm mankanzi ta` ohrajn illi ix-xoghol jekk kien jaghmlu kif mhux suppost ma kienx tort tieghu. Kien dipendenti fuq haddiehor.

Mix-xhieda ta` Anton Ferris jirrizulta li kien indika hu stess lill-Bord tad-Diretturi li ma kienx qed jaghmlu xogholom certu haddiema. Di fatti kien indika t-tifel tieghu stess, Mark Ferris. Pero lill-odjent appellant Jonathan Ferris ma kienx indikat. Gew prodotti wkoll certu Hamich Dempster u Leonard Cole illi taw xhieda lit-Tribunal illi l-appellant kien qed jaghmel xogholu.

Da parti tieghu Darren Zerafa mill-kontro ezami xehed illi ghalkemm l-appellant kellu certu mankanzi pero bhala hinijiet u sick leave kien wiehed ottimali u kien jiehdu biss meta kien ikollu bzonn. Ix-xhieda ta` Anton Ferris hija skaccjanti billi kien hu li rrileva lill-Bord tad-Diretturi li kien qed jigri fil-kumpanija, x`kien hemm bzonn isir u lejn min kellhom jippuntaw subajhom.

Jinghad ukoll illi meta inharget is-sistema Shireburu, hu ma kien involut f`xejn u sabu kollox lest. Tenut kont tar-risposta tas-societa intimata, it-Tribunal huwa ta` l-opinjoni illi hija naqset li taghmel il-prova sal-grad rikjest mil-ligi.

Jibda biex jinhad illi ma ngabet l-ebda prova orali u wisq anqas dokumentarji dwar in-nuqqasijiet ghal abbuz tal-appellant dwar il-hinijiet li kien jidhol u johrog ghax-xoghol u mis-sick leave anzi ix-xhud taghhom stess ossia Darren Zerafa ta l-aqwa certifikat tal-hinijiet l-iktar li kien jaghmel l-appellant u anki rigward dak li hu sick leave.

Ghar-rigward ta` l-allegat sia ta` nuqqas ta` dixxiplina iz-zewg (2) Diretturi fl-affidavit taghhom ma dikaw xejn milli huwa naqas li jobdi jew ma joqghodx ghall-ordnijiet taghhom. Di fatti ma giet intavolata l-ebda prova ta` xi warning sia verbali jew sia bil-miktub fil-konfront tieghu. Dwar in-nuqqasijiet tieghu fiz-zamma ta` l-accounts, il-Bord huwa tal-firma oppinjoni li n-nuqqasijiet li kien hemm kienu jew fuq kulhadd jew fuq hadd mill-impjegati.

Di fatti it-Tribunal huwa propens li jahseb illi ir-raguni li kien hemm kienet in-nuqqas ta` Management tajjeb u/jew kontroll fuq il-haddiema fil-pozizzjoni tieghu, seta` jaghmel dak li kien qed jaghmel pero minn fuq ma kien hemm l-ebda sens ta` direzzjoni. Id-diretturi hadu spunt fil-kontroll meta irrikavat taghhom mill-investiment u minn dak l-ammont ta` xoghol ma kienx qieghed jigi misjub. Huma pretendew illi fuq dak l-investimenti kellhom ikollhom certu rikavat li ma setghux isibu u allura bdew jaghmlu iktar kontrolli u jaraw x`kien hemm bzonn isir u di fatti bdew jaraw x`jaghmlu l-ahjar inkluz li jibdlu s-sistema u gie ntrodott Financial Controller. Pero ma jfissirx daqshekk illi l-appellant kien mankanti fid-doveri tieghu versu il-principal tieghu.

Kull ma kien hemm bzonn ta` iktar kontroll strett milli il-kumpanija tindika jew twahhal f`xi hadd illi ma kienx qed jaghmel id-dover tieghu.

## Kumpens

Illi l-appellant fid-dikjarazzjoni promotorja mhux qed jitlob li jigi impjegat mill-gdid mill-kumpanija jew jigi re instated izda dan sempliciment jinghataw kumpens ghat-tali tkeccija.

It-Tribunal ra il-Kap 452 artiklu 81 (a) u qed jiffissa l-ammont pagabbli bhala kumpens fis-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm 1500) (€3494.1).

## Konkluzjoni

Illi t-tribunal jiddeciedi u jaqta din il-kwistjoni tax-xoghol u jiddikjara li t-tkeccija mill-impjieg ta` l-appellant minn mas-socjeta intimata ma saritx ghal raguni valida fil-ligi meta hija wahda ingusta u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas bhala kumpens lill-

appellant is-somma ta` elf u hames mitt lira (Lm1500) (€3494.1) ghal rigward tad-drittijiet. It-tribunal ra l-artiklu 79 (a) u iffissa l-ammont fis-somma ta` ghoxrin lira (Lm20)

Avv Joseph P Bonnici

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju